**79. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipproponi:-**

Illi wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-Pjan Finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-sena 2018 ippreżentat mill-Ispeaker skont l-artikolu 17 tal-Att dwar is-Servizz Parlamentari, Kap. 562, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta Nru 60 tal-4 ta' Diċembru 2017;

Wara li l-Kumitat sema' l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Ispeaker personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2017;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Peress li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra b'mod unanimu rrakkomanda li l-Pjan Finanzjarju għandu jiġi approvat kif imressaq;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-estimi għas-sena finanzjarja 2018 kif jidhru fil-Pjan Finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-sena 2018 kif ippreżentat.

04.12.17